**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA                    11  ta' MARZU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsillieri,  is-Sinjura Marisa Dámato, s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **10.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 10.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Tiffany Ann Farrugia infurmat li ma tistax tattendi minħabba mard u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia li ma setgħax jattendi minħabba impenn ieħor.. Dok 1 mehmuż. L-appoloġija ġiet milqugħa. |
| | | |
| **10.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 10.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq iż-żbir ta' siġar u l-Kunsilier inkarigat Kenneth Farrugia qal li għadu fuq taħdidiet mal-kuntrattur u l-contract manager. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Joseph D'Amato jagħmel appuntament hu ma min hu ikkonċernat peress li jkun aktar ħin fil-kunsill. |
| | | |
| 10.2.2 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li Transport Malta ma tatx permess li ssir zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza minħabba li hemm bus stop fil-viċin.  Kien hemm qbil li jiġu infurmati r-residenti li qed jitolbu għaliha. |
| | | |
| 10.2.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fil-picnic area tħawlu aktar siġar u qed jissaqqew kull ġimgħa.  Ser ikomplu jitħawlu aktar siġar fil-ġranet li ġejjin. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 10.2.4 | | Fir-rigward punt 9.4.7 kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lill-pulizija biex din il-persuna li qed tkompli tagħmel ir-reċipjenti tal-qtates mal-art tiġi avżata biex ma tkomplix b'dan l-att. |
| | | |
| 10.2.5 | | Fir-rigward ta' punt 9.4.10 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jinforma lill-għaqdiet tal-festa li huma jkunu responabbli għal ħofor tal-festa u dak li jista jinqala jekk iweġġa xi ħadd fihom. |
| | | |
| 10.2.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li s-Sovratendenza tal-wirt kulturali tkun preżenti waqt ir-restawr tas-salib ta' Ħal Millieri. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 10.2.7 | | Wara diskussjoni kien hemm qbil li f'seduta oħra ser jerġa jiġi diskuss ix-xogħol ta' contract manager. |
| | | |
| 10.2.6 | | Ġew approvati l-minuti tad-disa' seduta. |
| | | |
| ***10.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 10.3.1 | | Is-Sindku qalet li hu importanti li min jiġi għal laqgha ma jkunx siefer sa 14 –il ġurnata qabel, dan fid-dawl tal-problemi ta' mard li hawn bħalissa . |
| | | |
| 10.3.2 | | Is-Sindku qalet li irċeviet email mill- Kunsill ta' Giulianova fejn talab li jsir ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku qalet li f'Diċembru li għadda grupp ta' atleti miż-Żurrieq Wolves attendew għal ġirja ta' 10k f'Giulianova fejn kemm hi u kemm l-atleti kienu milqugħa tajjeb ħafna u mal-ewwel wrew ix-xewqa tal-ġemellaġġ. Dok 2 Mehmuż. Ma kienx hemmx qbil fuq dan il-ġemellaġġ minħabba li l-Kunsill diġa għandu biżżejjed ġemellaġġi li mhux jiffunzjonaw kif wieħed jixtieq. |
| | | |
| | | |
| 10.3.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li ninfurmaw lill-Kunsill ta' Pedara li l-ġemellaġġ għadu mhux uffiċċjali.<br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li kien ikun aħjar li jsir ġemellaġġ ma' Taverna bħala l-post fejn twieled Mattia Preti. Ma kienx hemm qbil fuq l-istess argument li l-ġemellaġġi li saru mhux jiffunzjonaw. |
| | | |
| 10.3.4 | | Is-Sindku qalet li l-avveniment tal-Erasmus tħassar minħabba l-mard li hawn bħalissa. |
| | | |
| 10.3.5 | | Is-Sindku qalet li kellha preparamenti biex torganizza attivita'għall-anzjani f'Għawdex, imma minħabba l-problema ta' mard li hawn bħalissa, ser tipposponieha. |
| | | |
| ***10.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 10.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri jissuġġerixxi:<br>• issir gate fl-entraturi tal-open gym - kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-wirjiet tal-ġimgħa l-kbira jiġu mniżla fil-kunsill news. – mhux ser jilħaq joħroġ sal-Ġimgħa l-kbira.<br>• Isiru attivitajiet f'postijiet fejn ikun hemm l-annimali u site seeing tour bid-double decker<br>• Isiru kors fuq cyber security u ieħor fuq reċiklaġġ, dan kollu bla ħlas. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsa jekk familja tkun fil-bżonn tistax tiġi f'attivitajiet tal-kunsill bla ħlas - ma kienx hemm qbil minħabba li ma tistax tgħid min hu fil-bżonn jew le.<br>• Biex jitneħħa parkeġġ ieħor fi Triq Fra Gan Marie Zammit- Wara diskussjoni, kien hemm qbil li jekk tinkiser il-konkos li hemm bit-trakkijiet li jgħaddu, l-Kunsill jagħmel manutenzjoni tagħha hu.<br>• Id-dustbin li tneħħa fi Vjal l-Indipendenza hemm bżonn li jitpoġġa quddiem il-ħanut tal-pastizzi fi Triq P P Saydon. Kien hemm qbil li jiġu ordnati żewġ bins għal Triq P P Saydon wara li l-Kunsillier Kenneth Farrugia jara fuq il-post fejn għandhom jiġu installati.<br>• F'dan il-punt il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li hemm bżonn dust bin fi Triq Napuljun. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li dan hu deskateru tiegħu u ħadd ma jinponi fejn għandhom jitwaħħlu bins għax hu ma jinponix fuq kunsilliera oħra. |
| | | |
| 10.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato xtaqet li jsir kors tad-drama fiż-Żurrieq f'post tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li din tikkuntatja lill-iskola biex jofrilha s-sala tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra uffiċċjali lill-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato għaddiet dawn is-suġġerimenti:<br>• Hemm bżonn jinqata l-ħaxix ta' mal-palm fi Vjal il-Blue Grotto għax ilu xhur ma jinqata.<br>• Hemm bżonn arblu b'bozza fi Vjal il-Blue Grotto għax hemm wieħed nieqes - Kien hemm qbil li navżaw lir-residenti tal-viċin jekk isibux oġġezzjoni u jekk le jiġi ordnat.<br>• Kienet semmiet kors ta' Hydroponic farmer għat-tfal – Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-Kap tal-iskola u jissemma dan il-punt u l-punt tal-kors tad-drama li issemma aktar 'l quddiem.<br>• Isir il-ftuħ ta'applikazzjonijiet ta' ġieħ iż-Żurrieq – Kien hemm qbil li jinfetħu għall-pubbliku<br>• Tinbidel il-bandiera tal-bidu taż-Żurrieq. – kien hemm qbil fuq dan<br>• Id-data ta' festa ħut ma intagħżlitx bi żvista kif intqal mis-Segretarju tal-Għaqda karmelitana u banda Queen Victoria, infatti il kunċert tas-Sibt mhux ser isir minħabba li fis-16 ta' Mejju hemmil-Eurovision. Kien hemm qbil li ħadd mill-Kunsill ma kien jaf li dak inhar li ġiet iffissajna d-data tal-kunċert u festa ħut, kienet ser tkun il-festa ta' San Ġużepp fiż-Żurrieq.<br>• Hemm ħafna ħmieġ fis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto fejn hemm il-ħwienet. Kien hemm qbil li fl-akwata jsir il-knies u hemm dust bins ukoll. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Kien hemm laqgħa bejn il-kunsilliera Marisa DÁmato u ż-żewġ soċjetajiet tar-raħal u dak inhar ħarġet il-kwistjoni fuq il-post ta' fejn qed jinħaraq in-nar. Wieħed mil-licencee tan-nar xtaq l-għajnuna tal-Kunsill, biex l-art li qed tintuża bħala firing site li qed jużaw bħalissa biex jinħaraq in-nar u li ilha tintuża għal tul ta' snin sħaħ, tkun mikrija lill-kunsill u ż-żewġ soċjetajiet jużawha waqt il-festi. Din tiġi amministrata mill-kunsill u tkun skedata bħala firing site. Din hi art tal-gvern u mhux tal-bdiewa. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu jiddisassoċja ruħu minn dan il-każ. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li jekk il-Kunsill ma jkunx responsabbli minn xi inċident li jista jinqala, jew responsabbli għal xi ħaġa ta' periklu, jaqbel li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-art, imma jekk jinqala xi ħaġa ta' periklu għar-residenti jew bdiewa u jkun responsabbli għaliha l-Kunsill hu mhux ser jaċċetta. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qabel miegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob linja gwida lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk art tistax tiġi devoluta lill-Kunsill u tingħata għal firing site. Kif ikollha risposta ser terġa tressaq il-każ fil-Kunsill. |
| | | |
| | | |
| 10.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato semma d-dati tal-kunċerti li jmiss mill-orkestra taż-Żurrieq li huma l- 25ta' Settembru u d-29ta' Diċembru.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa<br>• li r-round about ta' Triq San Martin issir raised hump.<br>• Biex issiru 'u' bars minflok bollards fejn il-ħanut tal-ħut fi Vjal il-Blue Grotto – kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 10.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li s-sotto kumitat kien qed jaħdem biex illum titressaq proposta għal attivita tat-tfal 'egg hunt' imma ser jiġi ikkanċellat kollox minħabba l-mard li hawn bħalissa. |
| | | |
| 10.4.5 | | F'Dan il-punt kien hemm qbil unanimu li items 10.6b u 10.6c jiġu mitkelma issa. |
| | | |
| ***10.6b*** | | ***Onor. Dr Stefan Zrinzo Azzopardi (preżenti fis-seduta fuq talba tiegħu)*** |
| | | |
| 10.6b.1 | | Is-Sindku Rita Grima f'isem il-Kunsill kollu laqgħat lill-Onorevoli Dr Zrinzo Azzopardi, għas-seduta u rringrazzjatu talli talab laqgħa mal-Kunsill.<br><br>L-Onorevoli Dr Zrinzo Azzopardi qal li talab din il-laqgħa biex flimkien mal-Kunsill jara kif jistgħa jkun ta' għajnuna u koperazzjoni biex jinkisbu fuq fondi Ewropej. Hu qal li diġa kien hemm programmi ta' fondi, li l-Kunsill ibbenefika minn fondi minnhom imma hemm aktar fondi u inizjattivi għal persuni ta' etajiet differenti. It-Triq ta' Hal Far saret mill-fondi tal-Ewropa u li ma kienx għal dawn il-fondi kienet tkun iebsa biex issir. Bħalissa hemm fond ta' bini tas-sejjieħ tal-għelieqi li jissuġġerixi li l-Kunsilli Lokali jidħlu għaliha. |

| | | |
|---|---|---|
| | | L-Onorevoli Dr Zrinzo Azzopardi semma l-kwistjoni tat-tlett id-djar fi Vjal l-Indipendenza li hemm bżonn li jitneħħew biex tinfetaħ it-triq. Hu qal li jidher bħala Kunsill għandu jitkellem mas-sidien fuq il-kwistjoni, kemm minħabba t-trasport pubbliku, kemm minħabba li trid titwessa t-triq u anke fuq il-kwistjoni ta' manutenzjonijiet tad-djar tal-istess residenti li ma jafux jekk għandhomx jagħmluh jew le.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala Kunsill ma jista joffri xejn lir-residenti milquta, imma l-Gvern irid ikun li jidħol għalihom.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għandha issir laqgħa mar-residenti u jkunu preżenti l-Ministri li jistgħu jagħtu l-għajnuna. L-Onorevoli Segretarju Parlamentari lest li jitlob laqgħa lill-Ministri ikkonċernat mid-djar tal-Gvern u mit-toroq u transport biex ikunu preżenti għal laqgħa flimkien mal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Onorevoli Segretarju Parlamentari jiffissa laqgħa mal-Ministri kkonċernati u l-Kunsill, flimkien mar-residenti.<br><br>L-Onorevoli Dr Zrinzo Azzopardi tkellem fuq il-kwistjoni ta' Wied Fulija. Hu qal li hemm fondi tal-Unjoni Ewropeja, u dak li qed isir, qed isir skont il-prassi ta' meta tiġi riabilitata miżbla. Ix-xogħol li qed isir, diġa sar fil-Magħtab u f'Għawdex meta ġew riabilitati tali miżbliet. Il-proċess li għaddej bħalissa hu li jmewwet il-miżbla. Il-permessi qed ikunu rispettati. Talab biex il-Kunsill jingħata update tax-xogħol li qed isir minn żmien għal żmien.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill qed jipprova jaħdem fuq art tar-rationalisation biex isir proġett tal-Kunsill. L-Onorevoli Segretarju Parlamentari qal li dan il-każ jista jitqajjem waqt il-laqgħa li ser issir mal-Onorevoli Ministru Ian Borg. Kulħadd qabel li wara l-mina jeħtieġ li jkun hawn dar għall-anzjani u bix-xieraq tkun fiż-Żurrieq bħala l-akbar raħal. L-Onorevoli Dr Zrinzo Azzopardi saħaq li hemm bżonn li jissaħħu s-servizzi lill-anzjani fil-lokalita biex ma inserħux rasna dejjem fuq il-homes tal-anzjani u biex l-anzjani jibqgħu attivi fil-lokal.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri ħareġ mis-seduta (ħin 20:15) |
| | | |
| ***10.6c*** | | ***PC 10/18 (ser ikun preżenti persuna biex tfiehem lill-Kunsill dwar il-każ)*** |
| | | |
| 10.6c1 | | Fis-Seduta kienet preżenti l-persuna li l-Kunsill qabbad biex jgħin fid-deċiżjonijiet tal-permessi li jkunu ittieħdu jew ser jittieħdu.<br>Is-Sur Bonanno fhiem fid-dettal il-proposta tal-applikazjoni mitfuha u ta l-pariri tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan kollu u l-Kunsill ser imexxi bil-kummenti li ġew proponuti.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 20:35) |
| | | |
| 10.6c2 | | Is-Sur Bonanno tkellem fuq il-kwistjoni Seveso Directive 3. L-awtorita' tal-Ippjanar ħarġet direttivi li fuq meta tidħol applikazzjoni ġdida għal installazzjoni li tinkludi materjal ta' periklu. Il-Policy tgħid fejn u kif jistgħu jsiru dawn is-siti. Is-Sur Bonanno qal li l-Kunsill għandu jara dan il-każ sew minħabba f'każ ta' inċident u periklu lejn ir-residenti u l-lokal. Il-Kunsill għandu jara ukoll il-konsegwenzi li joħloq sit ta' materjal perikoluż, fuq ir-residenti u d-djar tal-madwar. Hemm bżonn li l-Kunsill ikun infurmat jekk f'każ ta' inċident kemm |

| | | |
|---|---|---|
| | | jista jkun kbir. Is-Sur Bonanno ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb fuq dan id-dokument li qed jiġi imħejji. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***10.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 10.5.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jinqraw. |
| | | |
| ***10.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***10.6a.1*** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a.*** Qed jintalbu flexible bollards fi Vjal il-Blue Grotto fejn hemm il-ħwienet tal-pastizzi u detergents. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru żewġ poles ħdejn xulxin għal tul ta' metri, dan wara diskussjoni ma' Transport Malta. Dan għandu jsir ukoll fejn il-ħanut Village Core.<br>***b.*** Il-kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li fejn il-ħanut tal-pastizzi fin-nofs issir junction box biex ma jifqux fuqha.<br>***c.*** Saret laqgħa mal-Perit u ġie ssuġġeriet li biex jonqos l-inkonvenjent bl-inqas spejjeż possibbli, hi li t-triq kollha ssir direzzjoni waħda u l-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat. Kien hemm qbil fuq dan.<br>***d.*** Persuna tablet biex il-Kunsill jagħtiha permess biex tarma gabbana tal-beigħ tal-ikel f'Ħal Far (eżatt fejn il-Kunsill ta' permess lil perusna oħra fis-seduta preċedenti). Din il-persuna trid permess biex tarma il-kiosk, tpoġġi mobile toilet, skip/bin, siġġijiet u imwejjed. Il-Kunsill hu infurmat li din il-persuna diġa qed tarma fil-post mitlub mingħajr permess u fuq ilmenti minn AFM u resident tal-viċin, marru l-pulizija fuq il-post biex ineħħuha. Is-segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Supretendent tal-pulizija informa li l-art li tinsab fuqha l-gabbana hi private tal-AFM. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jgħatix permess.<br>***e.*** Persuna minn Triq il-Kunċizzjoni qed titlob li jsiru double yellow lines quddiem ir-residenza tagħha minħabba li l-vetturi tant jipparkjaw viċin il-bieb tad-dar tagħha li ssibha diffiċli biex taċċessa għad-dar. Dok 4<br>***f.*** Persuna minn Triq il-Luq qed titlob li quddiem ir-residenza tagħha jsir parkeġġ ta' mutur, biex ikollu fejn jipparkja u ma jieħux spazju ta' parkeġġ ta' vettura. Kien hemm qbil li l-parkeġġ isir orizzontali mal-bankina biex la jtellef lis-sidien tal-garaxxijiet tal-faċċata u lanqas lit-traffiku li jgħaddi mit-triq.Dok7 |

| | | |
|---|---|---|
| | | ***g.*** Fi Triq l-Armerija hemm żewġ kaxxi sofor, waħda quddiem dar li għandha persuna anzjana ħafna li jkollha bżonn ta' spiss is-servizz tas-saħħa u l-oħra dik li tidher fir-ritratt mehmuż Dok5. Residenti tat-triq iridu li titneħħa l-kaxxa s-safra li tidher fir-ritratt għax qedgħa kontra l-liġi u r-resident li joqgħod fid-dar m'għandux bżonn kaxxi sofor.<br>***h.*** Fi Triq il-Kunċizzjoni quddiem sqaq hemm kaxxa safra keep clear li hemm bżonn li titwessa b'40ċentimetru. Kien hemm qbil li ladarba tiċċara u jkollha bżonn repaint issir. Imma issa li għadha f'kundizzjoni tajba ma issirx.<br>***i.*** Ħanut li jagħti servizz ta' bdiel ta' tyres fi Triq il-Belt Valletta qed jitlob biex quddiem il-garage tiegħu u dak ta' ħdejh (sid il-garage ta' ħdejh ta' permess bil-miktub dok mehmuż) jsiru parking bays biex waqt li jkun qed jagħti servizz ma jinqalgħux ċitazzjonijiet. Dok6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ser imur jara fuq il-post u jiddeċiedi wara u jibgħat email lill-kunsill.<br>***j.*** Kien hemm qbil li jitkomplew il-linji ta' refresh f'Misraħ Repubblika għax ma sarux kollha.<br>***k.*** Resident minn Vjal il-Blue Grotto li kien talab biex isir traffic calming fi Vjal il-Blue Grotto u wara li saru minn Infrastructure Malta, kien hemm ħafna li oġġezzjonaw għalihom fosthom din il-persuna stess, issuġġerixxa li jitneħħew il-linji (traffic calming) u minflok isiru żewġ sleeping policeman aktar viċin ir-roundabout. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Infrastructure Malta u jinforma bis-suġġeriment li għamel tali resident. |
| | | |
| 10.6a.2 | ***Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li punti 10.6d ; 10.6f u 10.6g jitressqu f'seduta oħra minħabba li kien sar il-ħin u li din is-seduta tittawwal sakemm jitlestew il-punti l-oħra.*** | |
| | | |
| | | |
| ***10.6d*** | ***Attivitajiet fil-Mitħna tax-Xarolla*** | |
| | | |
| | Titressaq f'seuda oħra. | |
| | | |
| ***10.6e*** | ***Laqgħa Annwali*** | |
| | | |
| 10.6e.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li f'April jmiss laqgħa annwali oħra mar-residenti. Kien hemm qbil li qabel is-seduta li jmiss, issir laqgħa annwali. | |
| | | |
| ***10.6f*** | ***Traffic Management fi Triq il-Qrendi*** | |
| | | |
| | Titressaq f'seuda oħra. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***10.6g*** | | ***Permessi għal makkinarju kbir f'toroq prinċipali*** |
| | | |
| | | Titressaq f'seduta oħra. |
| | | |
| | | |
| ***10.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 10.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numri 31 u 32. |
| | | |
| ***10.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 10.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta'**€85,746.65**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***10.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 10.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 15 ta' April, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___15___ ta' April, 2020.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**